MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 81/2008

**Josephine Sammut**

**vs**

**Emanuel Sammut, Natasha Sammut u George Borg**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta` George Borg fejn dan ippremetta illi:

L-intimata talbet u ottjeniet il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni li permezz tieghu hija zammet lill-esponenti u lil Emanuel Sammut u Natasha Sammut milli *"jittantaw jittrasferixxu taht kwalsiasi titolu l-vettura char-a-banc bin-numru ta` registrazzjoni FBY 696 u taxi bin-numru KTY152";*

Dan ir-rikors jirrigwarda unikament il-“body” tat-taxi li ggib in-numru KTY 152;

L-esponenti huwa s-sid tal-vettura ossia taxi KTY152 li tinsab milquta bl-effetti tal-mandat ta` inibizzjoni *de quo*;

In-numru, licenzja u permessi relattivi tat-taxi KTY152 prezentement jirreferu ghall-vettura li ggib dak in-numru, li hija vettura tat-tip Datsun 220C Saloon li ggib in-numru tax-xazi Q330004196. Din il-vettura kienet giet registrata ghall-ewwel darba fl-1976 kif jirrizulta mic-certifikat ta` registrazzjoni anness u mmarkat bhala Dok GB1;

Ma ghadux aktar possibbli li din il-vettura tibqa` taqdi kummercjalment il-funzjoni ta` taxi u hemm ghalhekk bzonn li tkun rimpjazzata b`vettura ohra aktar gdida. Huwa car li mhux fattibbli li vettura ta` ‘l fuq minn 30 sena tibqa` kummercjalment tintuza ghall-garr ta` passiggieri;

L-esponenti avvicina lill-awtoritajiet sabiex jibdel il-vettura izda gie infurmat illi sabiex jippermettu dan huma jridu awtorizzazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti, u dan minkejja l-fatt li l-esponenti mhux jittenta jittrasferixxi l-vettura izda biss jibdel il-vettura b`wahda ta` kwalita` u valur ghola minn dik attwali;

L-attrici fil-proceduri pendenti bl-ebda mod ma tista` tkun pregudikata kemm il-darba jsehh dak li jrid l-esponenti. Ghall-kuntrarju, it-taxi jkun qed jizdiedilha l-valur;

Minn naha l-ohra, kemm il-darba l-esponneti jibqa` jkun prekluz milli jibdel il-vettura jkun ifisser li huwa jsofri danni minhabba in-non-uzu tal-vettura;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tipprovdi billi tawtorizza lill-esponenti jibdel il-vettura Datsun 220C b`vettura ohra aktar gdida li tibqa` wkoll milquta bl-effetti tal-mandat ta` inibizzjoni *de quo*, u dan taht kull provvediment opportun.

Rat ir-risposta ta` Josephine Sammut.

1. L-esponenti thoss li dan ir-rikors li sar fl-atti tal-mandat ta` inibizzjoni ghandu jigi deciz mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili hekk kif ippresjeduta li qed tisma` l-kawza li hemm pendenti bejn il-partijiet [Cit. Nru: 1186/01AF] ghaliex bir-rispett kollu thoss li hija dik il-Qorti li taf il-fatti kollha tal-kawza li hija l-aktar kompetenti halli tiddeciedi r-rikors odjern;

2. L-esponenti ma toggezzjonax ghat-talba hekk kif dedotta izda tissenjala illi l-vettura in kwistjoni hekk kif inhi hija l-mertu tal-kawza imressqa mill-esponenti liema vettura hija tikkontendi li hija taghha u qatt ma ittrasferieta lil Emanuel Sammut u aktar w aktar lir-rikorrent George Borg. Ghalhekk l-esponenti qed timmotiva n-nuqqas t`oggezzjona taghha biss fis-sens illi hija m`hux se issofri pregudizzju f`dan l-istadju u ‘pendente litis’;

3. L-esponenti tissottolinea l-fatt illi meta Emmanuel Sammut qabad u approprija ruhu mill-imsemmija vettura din kienet fi stat tajjeb u fit-tieni lok dan iz-zmien kollu li l-kawza ta` bejniethom ilha tinsab pendenti hija tilfet il-flus tal-kiri ta` l-imsemmija vettura li minnhom hija kienet qed tiggarantixxi l-ghixien taghha;

Daqstant l-esponenti ghandha l-unur li twiegeb u thalli ghas-savju u superjuri gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Ikkunsidrat illi l-mandat ta` inibizzjoni 1096/03 izomm lir-rikorrent odjern milli jittrasferixxi l-vettura KTY152 li hija licenzjata bhala taxi.

Huwa jixtieq jibdel l-istess vettura u jittrasferixxi l-licenzja tat-taxi ghal fuq vettura ohra.

Il-Qorti gia kellha okkazzjoni tikkonsidra sitwazzjoni simili fil-21 ta` Jannar, 2008 fl-atti tar-rikors 741/2007 fl-ismijiet Cutajar et vs Spiteri et. Dak li qed jitlob effettivament ir-

rikorrent odjern hu li juza l-plates u licenzja ta` taxi KTY152 fuq vettura ohra li prezentement iggib in-numru KBL096.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tawtorizza lir-rikorrent biex jittrasferixxi l-licenzja, plates u permess tal-karozza Datsun taxi KTY152 ghal fuq il-vettura Mercedes Benz prezentement Nru. KBL096 (numru tax-chassis WDB1241252B252686) b`dana li l-istess vettura Mercedes tkun registrata f`isem George Borg u b`dana ukoll illi l-plates KTY152 ma jistghu bl-ebda mod jigu trasferiti lil haddiehor.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Digriet >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------